**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz ASF 016/2021**

**GU (l-ilmentatur)**

**vs**

**Crystal Finance Investments Ltd**

**(C 26761) (il-provditur tas-servizz/**

**Crystal Finance)**

**Seduta tat-13 ta' Settembru 2021**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment fejn fil-qosor l-ilmentatur issottometta:**

Illi fl-2014 investa €15,000 f'portafoll ta' investimenti l-***BP211 5% Eur High Yield Bond Portfolio July 2018 (BP 211)*****.** Dan il-portafoll kien jinkludi wkoll zewg *bonds* li kienu l-*Edcon* u r-*Rickmers.*

Hu ma kienx infurmat li dawn il-*bonds* kienu ta' riskju gholi.

Illi l-portafoll beda jonqos fil-valur sa tmiem l-2014 (31/12/2014). F'dan l-istadju, ikkonsulta mal-konsulent finanzjarju appuntat lilu minn *Crystal Finance* u esprima n-nuqqas ta' sodisfazzjoni tieghu ghal dan it-tnaqqis. Qalulu li l-ahjar ghazla li kellu kienet li jistenna biex jara x'jigri.

Illi fis-17 ta' Gunju 2016, il-*Bond Edcon* gie izolat separatament, u fis-17 ta' Lulju 2017, ir-*Rickmers Bond* gie wkoll izolat ghalih.

Illi sad-29 ta' Gunju 2018, il-valur tal-portafoll naqas ghal €13,678.32. Wara dan, il-konsulent finanzjarju (KF) bdiet tevitah billi ma tirritornax telefonati jew ma tirrispondix ghall-*emails* tieghu.

Illi f'telefonata ghall-habta tal-Milied tal-2018, il-KF avzatu li seta' jirkupra parti mill-portafoll ghall-valur ta'€7,500, filwaqt li l-parti l-ohra ta' valur ta' €7,500, kien nizel ghall-valur ta' €156.82. Hu staqsa lill-KF jekk setax jittrasferixxi l-flus irkuprati fil-kont bankarju tieghu peress li kien imsiefer; u sal-20 ta' Marzu 2019, il-fondi kienu ghadhom ma gewx trasferiti u n-negligenza u traskuragni tal-provditur tas-servizz saru evidenti ghaliex kienu qed jirrifjutaw jaghmlu trasferiment tal-ammont irkuprat ta' €7,500 fil-kont bankarju tieghu.

Illi kellu jinzel Malta apposta biex ikellem lill-KF, u kien fil-laqgha li ghamel maghha fl-14 ta' Mejju 2019 li, finalment, il-fondi gew trasferiti fil-kont bankarju tieghu. F'dik il-laqgha intqal lilu li *Rickmers* u *Edcon* kienu ser jergghu jigu investiti mill-gdid ghal erba' snin sal-2022 sabiex jaraw jekk xi valur mitluf tal-*bonds* jistax jigi irkuprat. Qalulu li ma kellux ghazla ohra jekk ried jirkupra xi haga.

Illi fit-30 ta' Dicembru 2019, il-KF ikkreditat il-kont bankarju tieghu b'€30.43 mill-*bond Rickmers.* Ma rrisponditux dwar il-*bonds* li fadal fil-portafoll tieghu.

Illi fl-1 t'April 2020, iriceva *email* bil-valutazzjoni tal-portafoll ta' €65.85 fejn il-*bond Rickmers* ghadu elenkat li jimmatura fl-2018, filwaqt li l-*bond Edcon,* elenkat li jimmatura fl-2022. Ma rrispondewhx ghall-mistoqsijiet li ghamel u abbandunawh kompletament.

Illi fl-1 ta' Jannar 2021, ircieva *email* bil-valutazzjoni tal-portafoll ta' €58.09 ghall-*bonds* li fadal ta' *Edcon* u *Rickmers.*

Illi l-Portafoll BP 211 kien inbiegh hazin lilu kif ukoll gie imqarraq minn *Crystal Finance Investments Ltd*. Dan wassal biex ghamel telf fuq l-investiment originali tieghu minhabba wkoll negligenza tal-provditur tas-servizz.

Illi huwa qed jitlob kumpens ta' €8,724.29 peress li digà irkupra €7,500, u qed jitlob imghax annwali ta' 5% ghall-perjodu 2014-2018, li huwa ekwivalenti ghal €3,000. Naqqas is-somma ta' €2,196.07 imghaxijiet li huwa rcieva u, ghalhekk, jibqa' li jiehu imghax ta' €803.93. Talab ukoll €391 bhala rata ta' inflazzjoni u l-ispejjez ta' €29.30 spejjez konnessi ma' dan il-kaz.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz fejn gie sottomess:**

1. Illi preliminarjament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit u ghall-eccezzjonijiet li jsegwu, s-Socjetà Esponenti teccepixxi illi l-Arbitru m'ghandux gurisdizzjoni fir-rigward ta' dan il-kaz *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi spjegat hawn taht.

   Fit-22 t'April 2014, saru dawn l-investimenti fil-*BP 211 Eur High Yield Bond Portfolio 2018,* portafoll li jinvesti f'dawn il-*bonds*:-

   (i) *9.5% Edcon (Proprietary) Limited* li jimmatura fl-01.03.2018 ta' tip *Senior Secured* u ***Non-Investment Grade***
   (ii) *6.625% Fiat Finance & Trade Limited* li jimmatura fil-15.03.2018 ta' tip ***Non-Investment Grade***
   (iii) *8.875% Rickmers Holding GmbH & Cie KG* ta' tip ***Unsecured*** u ***Rated BB (i.e. Non-Investment Grade)***
   (iv) *5.875% Republic of Croatia* li jimmatura fid-09.07.2018 u ta' tip ***Non-Investment Grade***

   Dwar dettalji tal-ilment, l-ilmentatur itenni li huwa nduna ghall-ewwel darba bil-kwistjoni li qed jilmenta dwarha fit-30 ta' Dicembru tas-sena 2019.

   Is-Socjetà Esponenti tichad dan il-fatt li mhux minnu u tirribatti din l-allegazzjoni bil-fatti segwenti:

   I. Fis-17 ta' Gunju tas-sena 2016, is-Socjetà Esponenti baghtet ittra lill-ilmentatur fejn avzat li *9.5% Edcon (Proprietary) Limited* li jimmatura fl-01.03.2018 ta' tip *Senior Secured* u *Non-Investment Grade* kien qed jiddiferixxi l-pagamenti ta' interessi u li l-*Edcon* kellu support biss tal-ammont mahrug taht din l-'*issue*' ta' 80 fil-mija biss u, ghaldaqstant, dan il-*bond* kien ser jigi izolat mill-bqija tal-portafoll tieghu b'valur ta' 75%. Din l-ittra tinsab hawn mehmuza u taghmel parti mir-risposta tas-Socjetà Esponenti bhala **Dok. CFI01.**

   II. Hekk ukoll, fis-7 ta' Lulju tas-sena 2017, intbaghtet korrispondenza lill-investituri kollha ta' *8.875% Rickmers Holding GmbH & Cie KG* ta' tip *Unsecured* u *Rated BB* (i.e. *Non-Investment Grade*) sabiex

tgharrafhom dwar il-falliment ta' *Rickmers* li jhallas il-kupun dovut fid-9 ta' Lulju tas-sena 2017, u li l-kumpanija applikat ghall-insolvenza u, ghaldaqstant, dan il-*bond* kien ser jigi izolat mill-bqija tal-portafoll tieghu. Din l-ittra tinsab hawn mehmuza u taghmel parti mir-risposta tas-Socjetà Esponenti bhala **Dok. CFI02.**

A bazi ta' fatti, l-ilmentatur stess qed jikkonferma li dawn iz-zewg ittri kienu ircevuti taht '*Ilment kontra Crystal Finance Investments Ltd*', paragrafu 4 fejn il-klijent jikkonferma dan.

III. Huwa wkoll jikkonferma li fil-Milied tas-sena 2018, l-ilmentatur kien avzat li parti tal-portafoll li ghandha x'taqsam ma' dawn il-*bonds* imsemmija kellha valur ta' €156.82 taht paragrafu 8.

IV. L-ilmentatur ukoll jircievi valutazzjoni ta' dan kull sitt xhur u s-Socjetà Esponenti tikkonferma li dawn intbaghtu bil-valuri li jindikaw '*insolvenza*' hekk kif innotifikati lilu. Ezempju ta' dan huwa valutazzjoni li ntbaghtet fl-2017. Din il-valutazzjoni tinsab hawn mehmuza u taghmel parti mir-risposta tas-Socjetà Esponenti bhala **Dok. CFI03.**

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-Socjetà Esponenti tirriserva d-dritt li tidhol fil-mertu fil-proceduri liema mertu hekk kif spjegat hawn fuq mis-Socjetà Esponenti.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Sema' lill-partijiet**

**Ra l-atti kollha tal-kaz**

**Jikkonsidra**

*Eccezzjoni preliminari dwar il-kompetenza*

Il-provditur tas-servizz eccepixxa li l-Arbitru m'ghandux kompetenza jisma' dan il-kaz *ai termini* tal-Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex

mhux minnu li l-ilmentatur induna l-ewwel darba bil-kwistjoni fit-30 ta' Dicembru 2019. Jghid li fis-17 ta' Gunju 2016, baghtet ittra lill-ilmentatur fejn infurmatu li *Edcon* kien qed jiddiferixxi l-pagamenti ta' interessi u kellu support biss ta' 80% u, ghalhekk, dan il-*bond* kien qed jigi separat b'valur ta' 75%. (DOK CFI01).

Fis-7 ta' Lulju 2017, intbaghtet korrispondenza lill-investituri dwar *Rickmers* (DOK CFI02). L-ilmentatur ikkonferma li rcieva dawn l-ittri fl-ilment tieghu.

Fil-Milied tas-sena 2018, l-ilmentatur kien avzat li parti mill-portafoll li ghandha x'taqsam mal-*Edcon* u r-*Rickmers* kellha valur ta' €156.82, u inghata valutazzjoni ohra li qieghda tidher f'DOK CFI03.

L-Arbitru qies din ir-risposta tal-provditur tas-servizz kif ukoll ix-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

L-Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555 li fuqu hija ibbazata din l-eccezzjoni jipprovdi hekk:

*'Arbitru ghandu jkollu wkoll il-kompetenza li jisma' lmenti skont il-funzjonijiet tieghu taht l-artikolu 19(1) fir-rigward tal-imgiba ta' provditur tas-servizz finanzjarju* ***li tkun sehhet wara l-bidu fis-sehh ta' dan l-Att, jekk ilment jigi registrat bil-miktub mal-provditur tas-servizz finanzjarju mhux izjed tard minn sentejn wara l-gurnata li fiha l-persuna li tkun qed taghmel l-ilment l-ewwel kellha konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmentat dwarhom.'***[1]

Ghalhekk, l-Arbitru irid jistabbilixxi jekk l-ilmentatur ilmentax fi zmien sentejn mindu l-ewwel kellu konoxxenza tal-kwistjonijiet li lmenta dwarhom.

Il-kwistjoni principali hi li l-ilmentatur jghid li nbieghlu l-prodott BP 211 li fost il-komponenti tieghu kellu l-*Edcon* u r-*Rickmers* u li ma kienx infurmat li dawn il-*bonds* tal-*Edcon* u r-*Rickmers* kellhom riskju gholi.

Il-provditur tas-servizz jghid li dwar l-*Edcon* kien kiteb ittra fis-17 ta' Gunju 2016, fejn informa lill-ilmentatur li kienu ser jigu differiti l-pagamenti tal-imghax u li *Edcon* kellu support biss tal-ammont mahrug taht din l-*issue* ta' 80% biss, u l-

[1] Enfasi tal-Arbitru

ilmentatur gie infurmat ukoll li dan il-*bond* kien ser jigi izolat mill-bqija tal-*bonds* l-ohra li kienu jiffurmaw il-BP211.

Però, l-Arbitru jinnota li din l-ittra kienet xi ftit ambigwa ghaliex, filwaqt li ssemmi dak li qal il-provditur tas-servizz, tghid ukoll li d-differiment tal-hlas tal-imghax kien ser iwassal ghal ezitu pozittiv:

'*will enhance the liquidity position of the Group … and will allow the Group to prioritize investments around its ongoing operational turnaround and long-term growth'*.[2]

Imkien ma inghatat xi twissija specifika biex l-ilmentatur johrog minn dan l-investiment, jew tat lill-ilmentatur x'jifhem li kellu ghalfejn jinkwieta, tant li intqal lilu li kienu ser ikomplu jinfurmawh bl-izviluppi.

Ghal min ma kellux esperjenza fl-investimenti, din l-ittra ma kienet tghidlu xejn specjali, izda ghal min jifhem, bhall-provditur tas-servizz, din l-ittra kienet qed turi certu inkwiet.

Ghalhekk, a bazi ta' din l-ittra, l-Arbitru ma jistax jikkonkludi li l-ilmentatur seta' jkollu konoxxenza bizzejjed biex jilmenta mal-provditur tas-servizz.

Dwar ir-*Rickmers*, l-ilmentatur ircieva ittra fis-7 ta' Lulju 2017, kif ammess minnu stess fl-ilment, li din l-ittra kienet tghid, fost affarijiet ohra, li kumpanija kienet ser tapplika ghall-insolvenza, izda, fl-istess ittra l-provditur tas-servizz jghid lill-ilmentatur li

'*f'dan l-istadju xejn mhu mehtieg min-naha tieghek',* u

*'ahna se ninfurmawk minnufih hekk kif nircievu aktar dettalji rigward kwalunkwe ftehim li jista' jintlahaq dwar ir-ristrutturar tal-Kumpanija'.*[3]

Hawn ukoll, il-provditur tas-servizz baqa' jittama lill-ilmentatur u, peress li qallu li ma kellu x'jaghmel xejn min-naha tieghu hlief li jistenna aktar informazzjoni minghandhom, issa l-provditur tas-servizz ma jistax jippretendi li l-ilmentatur kellu ghalfejn jaghmel ilment formali maghhom dak iz-zmien.

---

[2] *A fol.* 35

[3] *A fol.* 42.

L-ilmentatur enfasizza li meta ircieva dawn l-ittri, Michelle Stanmore, li kienet bieghitlu l-prodott, qaltlu sabiex jibqa' jistenna.

Jghid ukoll li DOK 3[4] ma kienx jirrifletti l-verità ta' dak li qaltlu Michelle Stanmore ghaliex hi qaltlu biss li kellu jistenna u ma taghtu l-ebda ghazla ohra kif juri dan id-dokument.

L-Arbitru jinnota li DOK 3 hu iffirmat biss minn xi *Advisor*, u la jidher ismu/isimha u lanqas gie kkonfermat ghall-veracità tieghu quddiem l-Arbitru. Il-provditur tas-servizz kellu kull opportunità li jressaq lil Michelle Stanmore, jew lil min iffirma dan id-dokument, biex jixhed dwaru izda naqas li jaghmel dan. Dan id-dokument lanqas hu ffirmat mill-ilmentatur u, ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jikkonferma l-kontenut tieghu.

Mill-ittra tal-4 ta' Jannar 2021, li l-ilmentatur baghat lill-provditur tas-servizz, jidher car li permezz ta' *email* tat- 30 ta' Dicembru 2019, il-provditur tas-servizz kien infurmah li l-*Edcon* kellu jimmatura f'Dicembru 2022, u qallu wkoll li xejn ma kien cert dwar ir-*Rickmers.* L-ilmentatur jghid li wara dan l-*email* ma rcieva xejn mill-provditur tas-servizz u, ghalhekk, hallih imdendel.

Ghalhekk, jekk l-Arbitru kellu jiehu t-30 ta' Dicembru 2019 meta l-ilmentatur seta' jkollu konoxxenza tal-imgiba tal-provditur tas-servizz, ghaliex lanqas biss beda jwiegbu, kellu sat-30 ta' Dicembru 2021 sabiex *'jirregistra bil-miktub'* l-ilment tieghu mal-provditur tas-servizz dwar il-kwistjonijiet li qed jilmenta dwarhom.

Dan hu l-kliem tal-ligi kif imnizzel fl-Artikolu 21(1)(c) tal-Kap. 555. L-unika prova li ghandu l-Arbitru dwar meta l-ilmentatur irregistra bil-miktub l-ilment tieghu mal-provditur tas-servizz kien fl-4 ta' Jannar 2021 u, ghalhekk, kien ghadu fil-perjodu li jaghmel l-ilment.

L-Arbitru ma jistax ma jinnutax li, skont ix-xhieda tal-ilmentatur mhix kontradetta, il-provditur tas-servizz ma tantx mexa bl-ingwanti mal-ilmentatur; u r-rapprezentanta tieghu ghamlet minn kollox sabiex ittawwal il-proceduri billi lanqas biss kienet twiegeb ghall-*emails* tieghu. Dan m'huwiex agir professjonali kif mistenni minn provditur tas-servizz fil-qasam tas-servizzi finanzjarji.

[4] *A fol.* 57

Ghar-ragunijiet moghtija aktar 'il fuq f'din id-decizjoni, l-Arbitru qed jichad din l-eccezzjoni u ser jikkonsidra l-mertu tal-kaz.

**Il-MERTU**

**L-Arbitru jrid jiddeciedi l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[5]**

Qabel xejn, l-Arbitru josserva li l-provditur tas-servizz fir-risposta tieghu ittratta biss il-kwistjoni tal-kompetenza tal-Arbitru, u ma jghid xejn dwar il-mertu tal-kaz. Ghalkemm jghid li dwar il-mertu kien lest li jipprezenta risposta ulterjuri (haga li mhix permessa mil-ligi), fil-fatt, ma pprezenta xejn. Barra minn hekk, ir-rapprezentanta tieghu li bieghet il-prodott lill-ilmentatur, ma tressqitx bhala xhud u, ghalhekk, l-Arbitru ghandu biss il-verzjoni tal-ilmentatur.

L-ilmentatur qed jissottometti li meta inbiegh lilu il-BP211, dan kien investiment li kien ta' riskju gholi u li hu qatt ma gie avzat b'dan ir-riskju. Ghalhekk jghid li dan il-prodott gie mibjugh hazin lilu (*mis-sold*).

**Il-Prodott in kwistjoni**

L-ilment huwa dwar il-***BP 211, 5% Eur High Yield Bond Portfolio 9 July 2018 (BP 211),*** li meta inbiegh lill-ilmentatur fit-23 t'April 2014, kien jikkonsisti, fost l-ohrajn, mill- *Edcon* b'rata imghax ta' 9.5%, u r-*Rickmers* b'rata ta' imghax bejn 8.5% u aktar minn 9%, li dwarhom qed isir l-ilment.

Dak iz-zmien gie komplut *Confidential Client Fact Find for the Suitability Test,*[6] fejn l-ilmentatur gie kklassifikat bhala *Retail*, filwaqt li s-servizz offrut lilu kien dak ta' *Investment Advice*. L-ilmentatur gie mibjugh il-*BP 211 5% EUR High Yield Bond Portfolio 9th July 2018*, *bond portfolio* li z-zewg *bonds* imsemmija fl-ilment, jigifieri, *Edcon (Proprietary) Limited* u *Rickmers Holding GmbH & Cie KG 11.06.2018*, kienu jiffurmaw parti minnu.

Flimkien ma' dawn iz-zewg *bonds*, il-BP 211 kien jikkonsisti wkoll f'zewg *bonds* sottostanti ohra - *Fiat Finance & Trade Limited* u *Republic of Croatia.* L-ammont investit f'dan il-*bond portfolio* kien jinqasam fi proporzjon ta' 25% f'kull *bond* sottostanti.

---

[5] Kap. 555, Art. 19(3)(b)

[6] *A fol.* 16 *et seq*

**Il-*bonds* li jiffurmaw il-BP 211 huma kollha *bonds non-investment grade* u ta' natura spekulattiva**.

Tajjeb li jinghad, li tnejn mill-erba' *bonds* sottostanti ghandhom *credit rating* iktar baxx mill-kumplament tal-*bonds,* fejn dawn anke huma kklassifikati bhala *highly speculative*.

Fix-xhieda tieghu, l-ilmentatur stqarr li hu ma riedx li jinvesti fi prodotti ta' riskju gholi:

*'Aktar tard, però, Crystal Finance kienu ghamlu Client Fact Find. Nghid li dan kien sar wara li xtrajt il-prodott; dan kien sar f'Settembru tal-2014. Jigifieri, l-prodott beda f'Gunju u l-Client Fact Find sar f'Settembru 2014. Imbaghad, kienet kellmitni fuq riskji, qaltli li kien hemm tliet tipi ta' riskji: kien hemm low, medium u high. Ghidtilha li high zgur li le ghax dawk kienu l-life savings tieghi. Staqsietni jekk l-attitudni tieghi kinitx ta' medium u ghidtilha iva, nahseb li medium kellu jkun tajjeb.'*[7]

Din il-verzjoni tal-ilmentatur ma gietx kontradetta u, ghalhekk, l-Arbitru jqis li r-riskju li ried jiehu l-klijent kien dak ta' *medium.* Ghalhekk, il-provditur tas-servizz ma kellux jikklassifikah bhala *high risk* u ma kellux joffrilu *bond portfolio* li jikkonsisti f'*bonds* sottostanti li huma kollha *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva, b'minnhom anke kkategorizzati bhala *highly speculative*, u li anke jilhqu r-rata tal-imghax ta' 9.5%.

Ghaldaqstant, huwa car li l-provditur tas-servizz naqas mid-dmir tieghu li jagixxi fl-ahjar interess tal-investitur, u dan kif kien obbligat li jaghmel skont *Investment Services Rules for Investment Services Providers*[8] mahruga mill-MFSA, kif ukoll id-Direttiva MiFID, partikolarment, skont ir-regolament li jghid:

*'When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients and shall comply with the relevant provisions of the Act, the regulations*

[7] *A fol.* 45

[8] ISR – Part B1: *Standard Licence Conditions applicable to Investment Services Licence Holders which qualify as MIFID firms*

*issued thereunder, these Rules as well as with other relevant legal and regulatory requirements …'*[9]

Taht l-istess *Standard Licence Conditions,*[10] meta provditur tas-servizz ikun qed jaghti parir finanzjarju, hu obbligat li jikseb taghrif necessarju minghand klijenti prospettivi biex ikun jista' jifhem fatti essenzjali dwar il-klijent u jkollu bazi ragjonevoli biex jemmen – wara li jiehu konoxxenza tan-natura u t-tip ta' servizz provdut – li t-tranzazzjoni specifika li qed tigi rrakkomandata, tissodisfa dawn il-kriterji:

- li tilhaq l-oggettiv tal-investiment tal-klijent;
- li hija tali li l-klijent ikun finanzjarjament jiflah ghar-riskji relatati mal-investiment konsistenti mal-oggettiv tal-investiment tieghu; u
- li hija tali li l-klijent ghandu t-taghrif u l-esperjenza necessarja biex jifhem ir-riskji tat-tranzazzjoni.

Huwa car li l-objettiv tal-ilmentatur ma kienx li jissogra flusu f'investimenti *non-investment grade* u ta' natura spekulattiva .

L-ilmentatur xehed li hu kien ghad ghandu 24 sena meta ghamel l-investiment, u kien investa mal-provditur tas-servizz wara li Michelle Stanmore, ghall-provditur tas-servizz, hajjritu jinvesti maghhom wara li kellu prodott iehor precedenti maghhom.

Ghalhekk, l-objettiv ghall-investiment li ghamel ma ntlahaqx u, b'hekk, l-ewwel kriterju tas-*suitability test* ma giex sodisfatt.

Dwar it-tieni kriterju, dak tal-gharfien u l-esperjenza, m'hemmx dubju li l-ilmentatur ma kellux dik l-esperejnza necessarja. Kulma kellu kien investiment iehor li kien xtara minghand l-istess provditur tas-servizz u fuq il-pariri tal-istess provditur tas-servizz.

Huwa xehed li meta nbieghlu l-BP 211, ir-rapprezentant lanqas biss semmietlu liema kienu s-sottofondi, u ghalih id-dokument li tatu kien Ciniz:

[9] ISR – Part B1 Reg. 2.01
[10] Reg. 2.16

*'Nghid li jien fdajt fihom ghax fil-finanzi ma nifhem assolutament xejn. Nghid li l-prodotti ma semmiethomx. Nghid li meta nvestejt tatni d-dokumenti li kien hemm BP 5% Euro High Yield Bond u l-erba' investimenti l-ohra, però, jien dak ghalija Ciniz'.*[11]

Barra minn hekk, l-ilmentatur kien ghad kellu 24 sena u kien jahdem bhala *Laboratory Technician* u, kif stqarr hu stess, ma kienx jifhem fis-servizzi finanzjarji.

Ghalhekk, l-Arbitru m'ghandux dubju li l-ilmentatur ma kellux dik l-esperjenza mehtiega sabiex jaghraf ir-riskji li kien hemm marbuta ma' dan il-prodott u jkun jista' jiehu decizjoni hielsa jekk kellux jinvesti jew le.

Dwar l-ahhar kriterju, jigifieri, dak li jqis kemm l-ilmentatur kien jiflah ghal telf li seta' jkun hemm (il-*loss absorption capacity*), l-ilmentatur kien ghadu f'età zghira u, kif jirrizulta mill-*Fact Find,* kellu depozitati l-Bank €10,000 u strumenti finanzjarji ohra €15,000.

Irid jinghad ukoll li meta jitqies kollox, fosthom, l-età tal-ilmentatur, is-somma investita ma kinitx wahda zghira. Kull telf li seta' jgarrab kien ser jinhass sew u, ghalhekk, l-Arbitru jqis li lanqas dan il-kriterju tas-*suitability test* ma gie sodisfatt.

Dan kollu juri li ma sarx *suitability assessment* adegwat mill-provditur tas-servizz ghax kieku sar dan l-*assessment* b'mod genwin u professjonali, kien jirrizulta li l-ilmentatur ma kienx jissodisfa t-tliet kriterji rekwiziti meta inghata parir biex jinvesti fil-BP211 u, ghaldaqstant, l-investiment li dwaru qed jitressaq dan l-ilment ma kellux jigi offrut u mibjugh lilu.

**Ghalhekk, l-Arbitru jikkonkludi li l-ilment huwa wiehed ekwu, gust, u ragonevoli, u ghandu jaghti kumpens lill-ilmentatur.**

## Kumpens

L-ilmentatur issottometta li s-somma investita kienet ta' €15,000, li minnhom irkupra €7,500. Huwa iriceva wkoll imghax ta' €2,196.07. Ghalhekk, baqalu jiehu l-bilanc ta' €5,303.93.

---

[11] *A fol.* 45

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lil *Crystal Finance Investments Ltd* thallas lill-ilmentatur is-somma ta' €5,303.93.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjjez ta' din il-procedura huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**